**SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002**

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 2** | **Storja** | **Time: 1hr 30mins** |
|---|---|---|

Name ________________________ Class_____________

## 1: Agħmel sing taħt ir-risposta t-tajba:

1. Il-Konti Ruġġieru ġie Malta minn (*Sqallija, Aragona, Tuneż*) u rebaħ lill- (*pirati, Għarab, Ingliżi*).
2. L-Anġuvini tkeċċew minn Sqallija wara l-irvellijiet magħrufa bħala (*Il-Ħbit tal-Kursara, I Vespri Siciliani, Il-Kruċjati*).
3. L-Aragoniżi saru ħakkiema tal-Gżejjer Maltin wara li rebħu lill-Anġuvini (*fl-Afrika, fil-Ġermanja, fil-Port ta' Malta*).
4. Fi żmien l-Aragoniżi, l-ogħla uffiċċjal tal-gvern kien il- (*Kaptan tal-Virga, massaru, balliju*).
5. Fil-Medju Evu, bosta Maltin kienu jivvutaw biex jagħżlu (*l-Kunsill Popolari, l-Ministri, l-Kappillani*).
6. Il-kelma RINAXXIMENT tfisser (*biċċa ġebla Maltija, partit politiku, Qawmien mill-ġdid*). Pittur, inġnier u studjuż Taljan ta' żmien ir-Rinaxximent kien (*La Valette, Leonardo da Vinci, Dun Ġorġ*).
7. Anke f' Malta, il-Lhud kellhom (*is-Sinagoga, il-Knisja, il-Moskea*) fejn jiltaqgħu biex jitolbu. Bosta Lhud kienu jibagħtu lil uliedhom jistudjaw Sqallija biex jilħqu (*tobba, skrapan, mastrudaxxi*).
8. Fix-xitwa bosta ħallelin tal-baħar kienu jistkennu (*fil-knisja, Ruma, fuq Kemmuna*). Bosta Maltin saru sibbien u hekk (*baqgħu Malta, marru l-Amerka, saru sinjuri*).
9. Il-Maltin kienu jagħsru ż-żebbuġ biex jagħmlu (*l-minestra, ż-żejt, l-inbid*) u jagħsru l-għeneb biex jagħmlu (*kawlata, ż-żejt, l-inbid*).
10. L-ewwel Granmastru tal-Kavallieri f' Malta kien (*L' Isle Adam, La Sengle, La Valette*) filwaqt li l-attakk ta' Dragut fuq Malta ta' l-1551 seħħ fi żmien il-Granmastru (*Wignacourt, D' Homedes, Hompesch*). ( 16-il marka)

---

## 2: **Ħares lejn l-istampa imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet**:



Dan li ġej kitbu Antonio Bosio fl-1530. Bosio kiteb dwar l-ewwel snin tal-Kavallieri ta' San Ġwann f ' Malta. Hawnhekk Bosio jikteb dwar l-irġiel tad-Dejma li marru jilqgħu lill-Granmastru L' Isle Adam:

*" Mhux inqas minn 500 ruħ, il-biċċa l-kbira rġiel bi stallett u sejf fuqhom; ilkoll bil-leħja u mimlija; il-libsa tagħhom geżwira tasal sa rkubbtejhom, miksijin kisja kkuttunata bit-tajjar ta' Malta. Rashom mgħottija bi brieret, muntieri, li jostrulhom rashom sewwa.*

*L-irġiel kienu jħallu xagħarhom twil u jobormuh u jgerrbuh taħt il-muntiera. Ix-xagħar hekk mibrum kienu jgħidulu* **DLIEL**. *Dawk li jriduha kienu jidilku dlielhom biż-żejt. L-irġiel kienu jilbsu wkoll misluta waħda f'widinthom....."*

WIEĠEB:

1. X' annimali jidhru fl-istampa? ______________________ (marka 1)
2. X' kien jissejjaħ il-Kaptan tad-Dejma taż-Żwiemel? _______________ (marka 1)
3. Il-familja Żammit, li kienet toqgħod il-Gudja fis-sena 1500, kienet tikkonsisti fil-missier Anġlu ta' 45 sena, l-Omm Maria ta' 40 sena, u l-ulied Toni ta' 25 sena, Rita li kellha 20 sena, Marjanu ta' 19-il sena u Majsi ta' 14-il sena. Tlieta minnhom kienu jiffurmaw parti mid-Dejma? (ikteb l-ismijiet)

   ________________________________________________________ (3 marki)

4. Semmi żewġ (2) armi li kienu jintużaw fil-ġlied:

   (a) ____________________ (b) ___________________________ (2 marki)

5. Meta jaraw lill-għedewwa ġejjin, l-għassiesa kienu jagħtu *sinjal bin-nar*. Kif kien magħruf dan is-*sinjal* ? ___________________________________ (2 marki)

6. X' tissejjaħ il-beritta li għandhom f' rashom l-iġiel ta' l-istampa?

   _________________________________ (2 marki)

7. X'taħseb li qed jagħmlu l-irġiel ta' l-istampa? Agħti raġuni waħda għaliex taħseb hekk.

   ______________________________________________________________________

   _________________________________________________________ (2 marki)

8. *"Imnalla kienet id-Dejma għalina l-Maltin"*. Ikkummenta dwar dan.

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

(5 marki)

(Total=18-il marka)

## 3: **Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ:**

(issib waħda lesta):

| | | |
|---|---|---|
| 1 | In-Normanni rebħu lill-Għarab f'Malta | VERU |
| 2 | L-Anġuvini ħakmu lil Malta wara n-Normanni | |
| 3 | L-Aragoniżi ħakmu fuq Malta qabel l-Għarab | |
| 4 | L-irvell tal-Maltin kontra Gonsalvo Monroy ġara fi żmien il-ħakma Aragoniża fuq Malta | |
| 5 | Wara l-Aragoniżi, Malta tmexxiet mill-Kavallieri | |

(4 marki)

## 4: **<u>Ħares lejn l-istampa imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet</u>**:



**<u>WIEĠEB</u>**:

1. Kif inhi magħrufa l-ġebla li qed tara fl-istampa?

_________________________ (1)

2. Fejn instabet?

_________________________ (1)

3. Fejn tinsab illum din il-ġebla? _______________________________________ (1)

4. B' liema lingwa taħseb li hija miktuba? _________________________ (2)

5. X'nitgħallmu minn din il-ġebla?

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________ (3 marki)

6. X' użu jista' jkollha llum din il-ġebla?

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________ (3 marki)

(total= 11-il marka)

**5**: **<u>Imla l-kliem li ġej fil-kaxxi l-vojta biex tqabbel</u>**:

*Ordnijiet Reliġjużi, Għajn il-Klieb, Segreto, Anġuvini, Aragoniżi, Sidien Fewdatarji, Kristofru Kolombu, sibi.*

| | |
|---|---|
| 1. Uffiċċjal li kien jiġbor il-qbiela u t-taxxi li jmissu lis-sultan | |
| 2. Leġġenda marbuta mal-miġja tal-Konti Ruġġieru f' Malta | |
| 3. Ġejjin minn Franza; ħakmu fuq Sqallija u Malta | |
| 4. Serq fuq il-baħar u attakki fuq l-art | |
| 5. Ġejjin minn Spanja; ħakmu fuq Sqallija u Malta | |
| 6. Jisilfu l-flus lis-sultan u hekk jaħkmu fuq Malta għal xi snin | |
| 7. Beda l-vjaġġ minn Spanja, qasam l-Oċean Atlantiku u skopra l-kontinent ta'l-Amerika. | |
| 8. Karmelitani, Dumnikani, Agostinjani, Franġiskani | |

(8 marki)

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------

**6**: <u>Ikteb taħt **SORSI PRIMARJI** jew **SORSI SEKONDARJI**</u>:

il-Ħaġra ta' Majmuna

ktieb dwar il-leġġendi marbuta mal-Konti Ruġġieru

ix-xabla tal-Granmastru La Valette

kanun ta' żmien l-Assedju l-Kbir

artiklu f'gazzetta dwar is-sibi

inkwadru li ġabu magħhom il-Kavallieri minn Rodi

video dwar l-Imdina

mudell tal-Kastell Sant Anġlu magħmul mis-sulfarini

| SORSI PRIMARJI | SORSI SEKONDARJI |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |

(8 marki)

## 7: **Wieġeb dawn il-mistoqsijiet**:

1. (a) Min kien il-kap tan-Normanni li ġew Malta u rebħu lill-Għarab?

   ______________________________________________________ (1)

   (b) X'kien jismu s-segretarju tiegħu? ________________________ (1)

2. Semmi żewġ (2) postijiet imdawrin bis-swar fejn il-Maltin jew l-Għawdxin tas-Seklu 15 setgħu jistkennu waqt xi attakk tal-pirati.

   (a) _________________________ (b) __________________________ (2)

3. X' tissejjaħ għaqda ta' nies, miġbura taħt il-protezzjoni ta' xi qaddis, u li kollha jkollhom l-istess sengħa jew xogħol? ____________________________ (2)

(Total = 6 marki)

------------------------------------------------------------------------------------------------

## 8: **Ibni DIZZJUNARJU ta' Żmien il-Kavallieri** (Fil-passaġġ li ġej issib kliem *b'sing taħtu*. Uża dan il-kliem biex tibni d-dizzjunarju)

Il-Kavallieri ta' San Ġwann bdew ix-xogħol tagħhom fl-Art Imqaddsa ta' Ġerusalemm. Huma bdew bħala **infermiera**. Wara saru Kavallieri, mħarrġa fl-użu ta' l-armi.

It_Torok keċċew lill-Kavallieri minn Ġerusalemm. Huma marru Akkri, Ċipru u **Rodi**, sakemm fl-1530 l-Imperatur Karlu V tahom lil Malta.

Iċ-ċentru kummerċjali jew il-belt kapitali ta' Malta kienet l-**Imdina**. Il-Kavallieri kienu baħħara u **kursara** tajbin. Biex iġibu l-qamħ minn Sqallija kellhom iżommu ftit xwieni. Allura iddeċidew li jagħmlu l-ewwel **bereġ** żgħar, knisja u sptar fil-**Birgu**. Il-Birgu nsibuh ħdejn il-baħar. Fil-Birgu l-Kavallieri ħolqu spazju apposta għall-bini tagħhom. Dan sejħulu '**COLLACHIO**' u hawnhekk il-Maltin ma setgħux jidħlu. Biex jiddefendu ruħhom mill-qawwa tat-**Torok Ottomani**, il-Kavallieri saħħew il-**Kastell Sant Anġlu** u dawru l-Birgu bis-swar.

Fl-1551 qawwa kbira Torka ta' madwar 10,000 ruħ taħt it-tmexxija ta' **Dragut**, daħlet **Marsamxett**, niżlet l-art u ħarbtet lil Malta. Wara Dragut baqa' sejjer Għawdex u kaxkar lill-Għawdxin kollha bħala skjavi. Wara dan l-attakk il-Kavallieri bnew il-forti Sant Jiermu fil-ponta ta' l-**Għolja Sciberras**. Dawru l-Isla bis-swar u bnew il-Forti San Mikiel fit-tarf ta' l-Isla iħares lejn Bormla. Hekk wasal l-Assedju l-Kbir ta' l-1565 meta l-Kavallieri u l-Maltin taħt it-tmexxija tal-**Granmastru** La Valette rebħu lit-Torok immexxija minn Mustafa` u **Piali`**.

## Issa imla dawn il-kaxxi biex tifforma d-Dizzjunarju:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | il-belt kapitali ta' Malta qabel il-miġja tal-Kavallieri f ' Malta | |
| 2 | kelma oħra flok sibbien | |
| 3 | palazzi għall-Kavallieri | |
| 4 | port importanti ħafna | |
| 5 | gżira fil-Mediterran fejn kienu l-Kavallieri qabel ġew Malta | |
| 6 | jieħdu ħsieb u jikkuraw lill-morda | |
| 7 | Għedewwa tal-Kavallieri | |
| 8 | belt fejn marru joqogħdu l-Kavallieri meta ġew Malta fl-1530 | |
| 9 | biċċa art fil-Birgu, għall-Kavallieri biss; hawn issib bereġ, sptar u l-Knisja Konventwali | |
| 10 | fortifikazzjoni fil-ponta tal-Birgu | |
| 11 | biċċa art forma ta' peniżola li fuqha nbniet il-Belt Valletta | |
| 12 | furban u mexxej tat-Torok | |
| 13 | mexxej tal-Kavallieri | |
| 14 | mexxej tal-flotta Torka fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565 | |

(14-il marka)

**9**: **<u>Ikteb dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti</u>**:

(*Ftakar li l-punti qegħdin hemm biex jgħinuk. Tista' tużahom, u tista' ma tużahomx*).

1. Irrakkonta l-istorja ta' Cardona u Monroy. Għid kif il-Maltin ċaħdu lil Monroy, x'għamlu u kif mexa mal-Maltin is-Sultan Fonzu.
2. Inti tifel Malti li kont tgħix fl-1500 f' raħal Malti. Ikteb dwar JUM MINN ĦAJTEK. Semmi mill-inqas tliet (3) affarijiet li kont tagħmel, xi periklu li stajt għaddejt minnu u fejn jaħdem missierek.
3. Ikteb dwar il-miġja tal-Konti Ruġġieru f' Malta u dwar il-Maltin taħt in-Normanni.
4. L-attakk ta' Dragut fuq Malta u Għawdex fl-1551.
5. Ikteb dwar ŻJARA F' POST STORIKU li għamilt jew ma' l-għalliem jew mal-ġenituri tiegħek. Dan il-post irid ikollu x'jaqsam ma' l-istorja li studjajt Form 2. Għid kif nistgħu nibżgħu għal dan il-post u għaliex għandna nibżgħu għalih.

(15-il marka)